**IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur**
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tat-Tlieta, 31 ta’ Ottubru 2023**

**Talba numru 68/2022SFJ**

***Joseph Farrugia (784260M) vs. Raphael Scerri (358168M)***

**Daħla**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat fis-7 ta’ Marzu 2022 li permezz tiegħu l-attur talab li l-konvenut ikun ikkundannat iħallsu s-somma ta’ elf Ewro (€1,000) rappreżentanti l-bilanċ minn somma akbar dovuta lill-attur għall-bejgħ ta’ diversi biljetti tal-lottu lill-konvenut, il-valur komplessiv ta’ liema biljetti kien jammonta għal elf u ħames mija u sebgħin Ewro (€1,570);

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz tagħha eċċepixxa:

- Preliminarjament li l-attur kellu jippreċiża u jispeċifika b’mod ċar il-pern tal-ammont pretiż minnu u meta insorġa jew oriġina tali ammont; u

- Subordinatament li t-talbiet tal-attur kienu infondati fil-fatt u fid-dritt;

Sema’ l-provi, ra d-dokumentazzjoni kollha, u ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għall-31 ta’ Ottubru 2023.

**Konsiderazzjonijiet**

L-attur jiġġestixxi banka tal-lottu fir-Raħal Ġdid, u darbtejn fil-ġimgħa, ċioè nhar ta’ Erbgħa u nhar ta’ Sibt, il-konvenut imur għandu jilgħab is-*Super Five* u l-lottu. Darba fost l-oħrajn, il-konvenut xtara numru ta’ biljetti, ħallas biss parti mill-ammont dovut, u qal li ma kellux biżżejjed flus biex iħallas il-bilanċ rimanenti. Il-konvenut kien mar fil-banka tal-lottu fis-6:15 ta’ filgħaxija meta l-banka kienet tagħlaq fis-6:45 ta’ filgħaxija.

L-attur spjega li sas-6:45 ta’ filgħaxija, it-transazzjonijiet rigward biljetti jieqfu kemm bħala bejgħ, bħala tisrif u anki bħala kanċellamenti, għax ikun baqa siegħa għat-tlugħ tal-lotterija. Billi kien diġà sar il-ħin, il-konvenut ma setax jikkanċella l-biljetti li ma setax iħallas għalihom u baqa’ jinsisti li ma kellux biex iħallas filwaqt li l-attur insista li l-ħlas kien dovut. L-impjegat tal-attur stazzjonat fil-banka tal-lottu f’dak il-ħin kien Mario Cilia. L-impjegat ma kellux triq oħra ħlief li jikteb karta dak il-ħin bħala tfakkira li l-banka tal-lottu kienet dovuta

ċertu ammont, filwaqt li l-konvenut ma ħallasx. Il-konvenut wiegħed li kien sejjer l-għada, l-Ħadd, pero ma marx.

Mario Cilia, impjegat fl-imsemmija banka tal-lottu, ikkonferma li nhar il-5 ta' Ġunju 2021, Raphael Scerri kien xtara mill-imsemmija banka tal-lottu biljetti li prezzhom jammonta komplessivament għal €1,570, iżda huwa kellu biss biex iħallas €570. Kien tard wisq biex il-biljetti li ma kienx ħallas għalihom ikunu kkanċellati u allura ma kellux triq oħra ħlief li jieħu nota tal-fatt. Minkejja diversi telefonati, Scerri qatt ma ħallas. Ix-xhud ippreżenta kopja ta' riċevuta li fuqha hemm il-firma tal-konvenut Scerri, u dan billi Cilia qal li Scerri ffirmaha quddiemu.

Huwa ċar li l-attur Joseph Farrugia ma kienx preżenti nhar il-5 ta' Ġunju 2021 u inkwantu dak li xehed, qagħad fuq li qallu l-impjegat li attwalment kien fil-banka tal-lottu dakinhar. Fix-xhieda tiegħu *a fol.* 16, Farrugia jgħid li Scerri qal lill-impjegat stazzjonat fil-banka tal-lottu li kellu biss €160 fuq il-persuna tiegħu. Min-naħa l-oħra, Mario Cilia jgħid fl-affidavit tiegħu li "*X'ħin tlabtu jħallas, Raphael Scerri qalli li kellu biss ħames mija u sebgħin Ewro u li kien ser iħallas il-bilanċ ta' elf Ewro l-għada.*" Din mhijiex diskrepanza ta' Ewro jew tnejn, iżda ta' €410. Jekk dakinhar Raphael Scerri ħallas biss €160, mela allura l-ammont pretiż f'din il-kawża messu kien €1,410 (sabiex wieħed jasal għall-figura totali ta' €1,570). Min-naħa l-oħra, jekk dakinhar Raphael Scerri ħallas €570, allura l-ammont pretiż f'din il-kawża huwa ta' €1,000 (kif fil-fatt hu).

Il-verżjoni tal-attur hija li fil-ġurnata relattiva fil-banka tal-lottu, il-konvenut iffirma karta li biha aċċetta li kellu jħallas €1,000 lill-attur. Madankollu, hemm differenzi konsiderevoli bejn il-firma li tinsab *a fol.* 33 tal-atti u l-firma li tinsab *a fol.* 70 tal-atti (din tal-aħħar il-firma tal-konvenut fuq l-affidavit tiegħu stess).

Fl-affidavit tiegħu, il-konvenut jiċħad li ffirma d-dokument *a fol.* 33 u jgħid li l-firma mhijiex tiegħu. Huwa jgħid ukoll li qatt ma nefaq €1,570 f'logħob.

In kontro-eżami, l-attur qal li d-dokument *a fol.* 33 sar billi Mario Cilia ħa karta mill-*printer* u kiteb fuqha li Raphael Scerri kien fadallu jħallas €1,000. Iżda minn dak li jista' jara t-Tribunal, id-dokument *a fol. 33* mhuwiex karta mill-*printer*, iżda dokument żgħir u rettangolari fil-forma ta' riċevuta li fuqu Cilia allegatament kiteb li Scerri fadallu jħallas €1,000 u li fuq l-istess dokument Scerri allegatament iffirma.

Diversi drabi matul il-kontro-eżami tiegħu l-attur qal li ma kienx jaf il-konvenut eżattament kemm ħallas. Diversi drabi qal li seta' kien €570 jew seta' kien madwar €600. Bid-dovut rispett, kawża għal ammont ta' flus mhijiex post għal imprecizjonijiet. Wieħed ma jistax jgħid li ma kienx ċert xi ħlas sar iżda li jaf fiż-żgur huwa li għad fadallu jieħu €1,000. L-ammont li kreditur għad fadallu jieħu huwa marbut mal-ammont li jkun diġà tħallas mid-debitur, u għalhekk il-kreditur mistenni jkun jaf bl-eżatt liema ammont tħallas diġà u liema ammont fadal li jitħallas.

Inoltre, l-attur ikkonferma wkoll (*fol.* 92) li almenu parzjalment kien qiegħed iserraħ fuq dak li qallu Mario Cilia. Pero allura d-domanda naturali hija li jekk l-attur għandu "*record sħiħ tal-cash kif kull transaction li sar, noħorġu rapport mit-terminal…*" kif stqarr *a fol.* 93, allura għaliex ma ressaqx f'din il-kawża prova ta' kull transazzjoni li saret fil-ġurnata in kwistjoni? It-Tribunal mhuwiex jgħid li Mario Cilia mhuwiex bniedem onest, iżda jekk teżisti prova aħjar mir-*records* elettroniċi, din żgur tkun aħjar mill-memorja ta' bniedem.

L-impjegati Sean Cassar u Jaden Borg, li semma Mario Cilia fid-depożizzjoni tiegħu *a fol.* 64, lanqas ma ttellgħu jixhdu biex forsi jixħtu aktar dawl fuq l-akkadut.

It-Tribunal iħossu ferm inkwetat b'dak li xehed Mario Cilia *a fol.* 66, meta dan kien mistoqsi liema kienet il-figura korretta. Waqt li kien qiegħed jixhed, l-ewwel staqsa jekk setax jikkonsulta mal-attur qabel iwieġeb, imbagħad, meta magħfus biex iwieġeb, qal li ladarba l-attur kien "*is-sinjur tiegħi*", ċioè l-imgħallem, kif qiegħed jifhem it-Tribunal, mela allura dak li qal Farrugia kien korrett. Dan mhuwiex aċċettabbli. Meta wieħed jixhed quddiem qorti jew tribunal, għandu jixhed is-sewwa, u mhux meta rinfaċċjat b'xi konflitt fix-xhieda essenzjalment jgħid li min għandu *rank* ogħla qiegħed jgħid aktar verità minn min għandu *rank* aktar baxxa. Meta wieħed jixhed, jassumi responsabilità għal dak li jgħid, u ma jistax jitfa' dik ir-responsabilità fuq ħaddieħor għax il-persuna l-oħra, fid-dinja tax-xogħol, tkun is-superjur tiegħu.

Rinfaċċjat b'dawn il-konflitti u inkonsistenzi fix-xhieda prodotti mill-attur, it-Tribunal mhuwiex tal-fehma li l-attur laħaq il-grad tal-prova li kien mistenni li jilħaq u għalhekk qiegħed jiċħad it-talbiet kollha tal-attur.

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant, wara li sema' l-provi, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din il-kawża billi jiċħad it-talbiet kollha tal-attur.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu interament mill-attur Joseph Farrugia.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
***B.A., L.P., Mag. Jur. (Int. Law), LL.D.***
**Ġudikatur**